TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

# UMANITA` WAĦDA

Ilkoll mingħand mara twelidna,
u b'raġel li ġejna mnisslin,
it-tnejn kienu l-bidu ta' dak l'aħna llum;
minn raġel u mara ġejjin.

Kemm nisa u rġiel tul ħajjitna
għallmuna biex ħadna l-istat,
ħallew marka fina biex ngħixu l-futur,
xprunawna biex ġew l-ideat.

**REF:** Jekk raġel, jekk mara, jekk bniet jew subien,
ilkoll l-ewwel m'aħna bnedmin,
u ħadd m'għandu jħossu maqtugħ mill-oħrajn;
xejn inqas minn xulxin.
Mingħajr preġudizzji ma jkun ħadd batut,
insibu kif ngħixu aħjar;
ħajja bla xkiel
nisa u rġiel
umanita` waħda.

Min-nisa u rġiel kull fejn tħares
issib fil-preżent u l-passat
eżempji ta' nies illi ħadmu qatigħ
biex ħadd ma jkun emarġinat.

Talenti fis-skiet jew artisti;
mhux kas x'kienu, skond liema s-sess.
Ta' lkoll kontribut biex li ħolmu kisbuh;
kapaċi indaqs għas-suċċess.

TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

**REF:** Jekk raġel, jekk mara, jekk bniet jew subien eċċ...

joe julian farrugia